MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2008

Numru 132/2008

Il-PULIZIJA

(Spettur Anthony Portelli)
(Spettur Edmond Cuschieri)
(Spettur Robert Vella)

vs

Grazio sive Horace Zammit

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Grazio sive Horace Zammit ta’ 35 sena bin Anglu u Nina nee’ Lija, mwieled Pieta’ nhar it-13 ta’ Settembru 1972 u residenti no. 41, Sqaq Lajri, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 403872 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Gewwa l-Mosta nhar is-17 ta' Frar 2008 ghall-habta ta' l-4 :20 ta' wara nofsinhar, ikkommetta serq minn vettura ta' l-ghamla Skoda 120L bin-numru tar-registrazzjoni IAM-303 ta' apparat tal-Hi-Fi kif ukoll kartiera, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Johan Sciberras minn San Pawl il-Bahar u/jew persuni ohra ;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi 11.65 ewro izda inqas minn 116.47 ewro, saret ghad-dannu ta' l-imsemmi Johan Sciberras u/jew persuni ohra ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, u cioe' diversi ufficjali tal-Pulizija, jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod iehor, bla jedd, indahal fid-dmirijiet taghhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel li b' Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi, jew b' xi mod iehor li jkun, kemm-il darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma kienx jaqa' taht dispozizzjonijiet ohra tal-Kap.9 tal-Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt ta' serq u hsara lil propjeta' kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (mus) ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija ;

Rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra ;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 19 ta’ Frar 2008 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta 19 ta’ Frar 2008 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2008 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat li fis-seduta tat-2 ta’ Ottubru 2008 il-Prosekuzzjoni u d-Difiza qablu li t-tieni akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess imputat il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ikkunsidrat :

Illi mix-xhieda ta’ Connie Fenech li xehdet fl-udjenza tat-2 ta’ Ottubru 2008 u li hija care worker mal-agenzija Sedqa jirrizulta li l-imputat ilu madwar sitt xhur u nofs residenti fil-komunita ta’ Santa Marija fejn qed isegwi programm ta’

rijabilitazzjoni kontra l-problema mill-abbuz tad-droga u li huwa ghamel hafna progress fi hdan dan il-programm. Il-Qorti izda hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali voluminuza tal-imputat (inserita a fol. 5 sa 15 tal-process) minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u hafna drabi huwa gie imressaq b'akkuzi simili ghal dawk li huwa qed jinstab hati fil-kaz odjern u huwa inghata diversi opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu u kien anki beda programmi ohra sabiex jeghleb il-problema mill-abbuz tad-droga izda jidher li huwa m'gharafx jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk il-Qorti jidrilha li ghalkemm gie registrat progress fil-programm attwali li qed isegwi l-imputat m'ghandhiex triq ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva. Il-Qorti izda qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korettiva ta' Kordin sabiex l-imputat ikompli isegwi programm ta' rijabilitazzjoni minn hdan il-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex ma jintilifx il-progress li huwa ghamel fil-mori ta' din il-kawza. In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008, u cioe' dik fis-sens li t-tieni akkuza kienet mezz ghal fini tal-ewwel akkuza, l-Qorti qed tapplika l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 271, 278, 289, 325, 338(ee), 17, 31, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija b'effett millum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan in vista tar-rakkomandazzjoni imsemmija aktar 'il fuq.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------